BIRGU
Citta' Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

---

20 t'Ottubru, 2012

# Minuti tal-laqgha 08(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 08(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tnejn 1 t'Ottubru, 2012 fil-hamsa ta' filghaxija (5:00pm).

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Kunsillier Anton Gellel u l-Kunsillier Lawrence Attard

Il-Kunsillier Alan Cassar nghaqqad ghal laqgha fis-sitta ta' filghaxija (6:00pm).

Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, kien skuzat minhabba ragunijiet familjari.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, talab lil Kunsill sabiex jaghmel minuta ta' silenzju b'rispett tal-mewt ta' missier il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi.

## Talba.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

## 1. Qari u Approvazjoni tal-Minuti

.

1.1 Item 1.7(07/06) Is-Settur Kummercjali.

Wara diskussjoni, l-Kunsillier Anton Gellel, issugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jitlob laqgha mal-Ministru ghat-Turizmu, l-Onorevoli Mario Demarco sabiex jigi diskuss f'aktar dettal dak kollhu li jolqot direttament is-settur kummerċjali fil-Belt tal-Birgu. Is-Sindku s-Sur John Boxall, issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.2 Item 6 (07/06) Approvazjoni tal-progetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea

Is-Sindku s-Sur John Boxall, sabiex il-progett *Medhicen* ikun taht ir-responsabilta tal-Kunsillier Alan Cassar, peress li kienet l-Assocjazzjoni ALDA li nfurmat lil Kunsill Lokali tal-Birgu dwar dan il-progett. Barra min hekk, is-Sindku zied jghid li l-progett *E-Democracy* gie sottomess. Is-Sur Alan Cassar accetta li jkun hu responsabli min dan il-progett u kien hemm qbil unanimu min dak propost mis-Sindku.

1.3 Item 7 (07/06) Party ghat-tfal fl-okazzjoni tal-Milied

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill diga beda bil-preparamenti ghal party ghat-tfal fl-okazzjoni tal-Milied li ser issir fl-14 ta' Dicembru, 2012. Is-Sindku zied jghid li s-Sur Ed Schobben, jxitieq jippartecipa f'din l-okkazjoni bhala *balloon maker* ghat-tfal. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**2. Korrispondenza**

2.1 Il-Progett "*Exchanging Ideas From Belvi to Birgu*"

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu applika ghal progett ta' *Youth Exchange* taht is-sejha taht is-sejha *Youth in Action* ma' L-Agenzija EUPA. Is-Sindku pprezenta kopja ta' l-applikazzjoni ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

2.2 Konferenza ta' l-Assocjazzjoni AVEC gewwa l-Belt ta' Tours fi Franza bejn it-8 u d-9 ta' Novembru, 2012

Is-Sindku prezenta invit mil-Assocjazzjoni AVEC, fejn is-Sur Boxall, huwa l-Vici President ta' din l-Assocjazzjoni, sabiex il-Kunsill jattendi ghal l-konfernza tal-Kunsill Amministrattiv ta' din l-assocjazzjoni li ser issir fil-Belt ta' Tours, fi Franza bejn it-8 u d-9 ta' Novembru, 2012. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex ghal din il-konferenza flimkien mieghu tattendi ukoll is-Segretarja Ezekuttiva, s-Sinjorina Christine Bonello. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsill li l-istess Kunsill ppropona sabiex il-villagg ta' Kercem, f'Ghawdex, kif ukoll il-villagg ta' Belvi, fl-Italja ukoll jissiehbu f'din l-assocjazzjoni. Dan sar wara li z-zewgt Sindki rispettivi urew ix-xewqa li jidhlu membri f'din l-Assocjazzjoni.

2.3 Laqgha ghall-Kunsilliera ta' Malta u Ghawdex mil-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mil-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar laqgha gahl Kunsilliera tal-Kunsilli Lokali ta' Malta u Ghawdex li ser issir is-Sibt 10 ta' Novembru. Is-Sindku s-Sur John Boxall, talab lil Kunsilliera javzaw lis-Segretarja Ezekuttiva, jekk hux ser jattendu ghal din il-laqgha. .

2. 4 Talba mil-Vittoriosa Stars F.C.

Talba minghand il-Vittoriosa Stars F.C., sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jghati permess lil din is-socjeta sabiex il-*Car Boot Sale* li jsir kull nhar ta' Hadd, jigi estiz fi Triq minghajr isem, hdejn l-iskola Lorenzo Gafa. Wara disksussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din it-talba. Il-Kunsillier Lawrence Attard issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Korrispondenza minghand l-ex gestitur tal-hanut "Sapori del Sud"

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta ittra mibghuta mil-Avukat Franco Galea, l-avukat ta' l-ex gestitur tal-hanut Sapori del Sud, fejn is-Sindku s-Sur John Boxall, gie interpellat li jhallas s-somma ta' € 25,000 rappreznetanti spejjez u danni sofferti. Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah spjegazzjoni u nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu li l-allegazzjonijiet f'din l-ittra kienu kollha infondati. Hawnhekk is-Sindku pprezenta kopja ta' l-ittra mibghuta mil-Avukata tal-Kunsill Dr. Alexandra Mizzi lil Avukat Franco Galea.

2.6 *European Week for Waste Reduction*

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mil-WasteServ Malta, dwar l-*European Week for Waste Reduction* li ser issir bejn is-17 u l-25 ta' Novembru, 2012. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa biex il-Kunsill Lokali tal-Birgu juri l-interess u jippartecipa f'dawn l-attivitajiet li ser isiru madwar Malta u Ghawdex.

2.7 Harga Kulturali organizzata mil-villagg ta' Kercem fil-Belt tal-Birgu

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li nhar it-Tlieta 2 t'Ottubru, 2012, l-Kunsill Lokali tal-villagg ta Kercem, Ghawdex, ser jorganizza harga kulturali fil-Belt tal-Birgu. Is-Sindku talab lil Kunsilliera Lawrence Attard biex jiehu hsieb din l-attivita u zied jghid li din l-ospitalita ser tigi reciprokata min-naha tal-Kunsill Lokali ta' Kercem hekk kif il-Kunsill Lokali tal-Birgu jorganizza harga ghal Gzira Ghawdxija.

2.8 Kwotazzjoni ghal bieb fil-Librerija Regjonali fil-Berga ta' l-Ingilterra

Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand "Mario Gauci Woodworks" ghal bieb fil-Librerija Regjonali fil-Berga ta' l-Ingilterra ghal prezz ta' € 849. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Talba ghal bdil ta' l-ismijiet tat-toroq

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li t-talba tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex parti min Triq il-Palazz ta' l-Isqof tissemma Triq il-Madonna tal-Lunzjata, kif ukoll t-talba sabiex l-Mina fi Triq Pawlu Boffa tissema l-Mina tal-Belt Vittoriosa ma gewx milqugha mil-Kumitat ta' l-Ismijiet tat-Toroq. Hawnhekk is-Sindku pprezenta kopja ta' l-ittra mibghuta lil Kumitat ta' l-Ismijiet tat-Toroq, fejn il-Kunsill talab li l-istess Kumitat jerga' jikkonsidra t-talba tal-Kunsill.

2.10 Kwotazzjoni ghal ghorik tal-madum fl-entrata tal-Berga ta'Franza

Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand is-sur John Borg ghal ghorik tal-madum fl-entrata tal-Berga ta' Franza ghal prezz ta' € 590. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Studju ambjentali dwar l-Palumbo Shipyards Ltd, mahrug mil-MEPA

Is-Sindku, pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill kopja ta' l-istudju ambjentali mahrug mil-MEPA dwar l-kumpanija *Palumbo Shipyards.* Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li ser issir laqgha fejn ghaliha ser ikunu prezenti l-Kunsill Lokali ta' Bormla u dak ta' l-Isla, sabiex jigi diskuss f'aktar dettal dan id-dokument.

## 3. Sitwazzjoni tal-Progett "Seatoland"

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah rendikont tal-progett "Seatoland", l-progett parti ffinanzjat mil-Unjoni Ewropea taht s-sejha *Med Programme.* Is-Sindku spjega x-xogholijiet u l-istudji li qeghdin isiru inkonessjoni ma' dan il-progett, fejn l-Fondazzjoni Temi Zammit, ukoll huma *partners* f'dan il-progett.

## 4. Impjieg ta' *handyman* mal-Kunsill Lokali tal-Birgu fuq bazi *full-time*

Wara diskussjoni, l-Kunsillier Anton Gellel, issugerixxa li l-Kunsill Lokali tal-Birgu, hemm bzonn li jimpjiega *contracts manager* jew *supervisor* u mhux *handyman.* Is-Sindku s-Sur John Boxall isssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 5. L-iffirmar tal-ftehim mal-Belt Franciza ta' St. Tropez

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li bejn d-19 u t-22 ta' Ottubru, 2012, delegazzjoni mil-Belt ta' St. Tropez, komposta mis-Sur Claude Berard, Vici Sindku, s-Sur Jean Pierre Tuveri, d-Direttur tal-Port ta' St. Tropez, flimkien man-nisa taghhom u s-Sur Christian Benoit, ser ikunu f'Malta partikolarment fil-Belt tal-Birgu, sabiex jigi ffirmar l-ftehim ta' kooperazzjoni bejn iz-zewg portijiet tal-Belt tal-Birgu u dak ta' St. Tropez. Is-Sur Boxall, Sindku tah rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghal din iz-zjara. Hawnhekk is-Sindku pprezenta kopja ghall-attenzjoni tal-Kunsill, tal-ftehim ta' kooperazzjoni li ser jigi ffirmar bejn iz-zewgt ibliet. Is-Sindku zied jghid li dan il-ftehim ser ikunu bil-Malti, Ingliz u Franciz. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li c-cerimonja ta' l-iffirmar tal-ftehim ta' koperazzjoni ghandu jsir l-Hadd 21 t'Ottubru, 2012 fi sebgha u nofs ta' filghaxija fil-Berga ta' Franza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 6. L-attivita tal-BirguFest 2012

Is-Sur John Boxall, Sindku tah rendikont tal-preparamenti kollha li qeghdin isiru nkonessjoni ma' l-attivitajiet tal-BirguFest 2012. Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex titlob kwotazzjoni ghas-servizz extra ghat-tindif wara l-attivita tal-BirguFest. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-konferenza stampa ghal din l-attivita ser issir nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru, 2012 fil-hdax ta' filghodu u sostna li hija ta' importanza kbira li huma jkunu prezenti ghal din l-konferenza stampa

## 7. Affarijiet Ohra

7.1 Lista ta' pagamenti.

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sur Anton Gellel, Kunsillier, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Laqgha ntemmet fi 8:30 ta' filghaxija

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |